MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1266/2003

Kawza fil-lista: 26

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Settembru, 1987, minn liema zwieg twieldu l-minuri E li llum ghandu tlettax-il sena (13) u F li llum ghandha hdax-il sena (11).

Premess illi meta l-attrici kienet ghadha xebba hija kellha tifel minn relazzjoni extra-maritali. Wara z-zwieg l-konvenut irrikonoxxa lil dan il-minuri G C, li llum ghandu

sbatax-il sena (17), bhala ibnu ghalkemm huwa m' huwiex il-missier naturali tieghu;

Premess illi matul il-hajja mizzewga l-konvenut irrenda ruhu hati ta' adulterju, ingurji gravi, mohqrija, sevizzi u vjolenza qawwija fil-konfront tal-esponenti;

Premess illi b' digriet moghtii fil-5 ta' Gunju 2003, is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-attrici sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni kontra l-konvenut.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba vjolenza, mohqrija, eccessi u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b' mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenut m' ghandu ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

3. Tordna lill-konvenut jissomministra dik ir-retta alimentari hekk stabbilita mill-Qorti, ghaliha u ghall-minuri wliedha u dan that dawk il-modalitajiet specifikati mill-istess Qorti;

4. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri G, E, u F, ahwa C f' idejn l-attrici, bi dritt ta' access taht supervizjoni tal-pulizija lill-konvenut;

5. Tordna l-konvenut jivvaka mill-fond numru <<< indirizz >>> liema fond ghandu jibqa' abitat esklussivament mill-attrici u t-tfal taghha, stante li dan l-istess fond huwa proprjeta' parafernali taghha;

6. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Anna Mallia;

Rat l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni minn ma' zewgha l-konvenut, ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 Kap.16 imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali.

Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Settembru 1987 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, E u F, li ghadhom minorenni. Fil-prezent it-tifel jghix ma'l-attrici filwaqt li t-tifla tghix ma' missierha.

Mill-provi jirrizulta provat u mhux kontradett li matul id-disa snin ta' konvivenza l-attrici kienet f' diversi okkazzjonijiet vittma ta' vjolenza fisika da parti ta' zewgha li kien jerfa' idejh fuqha u kien isawwat lilha u anke lit-tifel E. Dan jinsab korroborat mill-affidaivts tal-familjari taghha. Ghaldaqstant jirrizulta provat sevizzi, mohqrija u ngurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

Rigward l-akkuza ta' adulterju l-attrici tgid li l-konvenut kien ammetta maghha li hu "kien jghix" fid-dar ta' ommu ma' certu H I; u wkoll li l-istess H I kienet qaltilha li r-relazzjoni taghha mal-konvenut kienet "hafna zmien qabel" [fols.18 u 19]. Il-kumplament tal-provi huma detto del detto. In propositu l-Qorti tirrileva li, ghalkemm dak li qalet l-attrici ma giex kontradett mill-konvenut, li baqa'

kontumaci, l-imputazzjoni tal-adulterju da parti tal-konvenut rizultanti mir-relazzjoni li dana, f’ xi zmien, kellu ma’ H I, ma tirrizultax sodisfacentemnet provata skond il-ligi. Jigi osservat li, ghajr ghall-allegazzjoni taghha nuda u kruda, l-attrici ma ressqitx provi ulterjuri fir-rigward. Inoltre, anke l-affidavit taghha f’ dan ir-rigward huwa pjuttost vag. Ghaldaqstant din il-kawzali ma ssibx sostenn adegwat fil-provi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba l-komportament abbusiv u vjolenti f’ diversi okkazzjonijiet da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu, u anke ta’ ibnu; u in mankanza ta’ provi ohra, il-htija tas-separazzjoni qed tigi imputata unikament lill-istess konvenut.

**Kura u Kustodja**

Illi mill-provi jirrizulta li fil-prezent it-tifla F tghix mal-konvenut, filwaqt li t-tifel E jghix ma’ l-attrici. Fattur preokkupanti f’ dan ir-rigward huwa li l-ahwa ilhom ma jaraw lil xulxin ghal certu tul taz-zmien u dana rizultat dirett tal-inkwiet matrimonjali li ghaddiet minnu l-attrici tul il-konvivenza taghha mal-konvenut.

Illi fic-cirkostanzi jkun fl-ahjar interess tal-minuri li, filwaqt li ghal-mument dawn iz-zewg minuri jibqghu jghixu separatament mal-genitur rispettiv; ikun hemm kuntatt wiesa’ u spiss bejn l-ahwa. Dan, fic-cirkostanzi jista’ jsir billi din il-Qorti takkorda dritt ta’ access liz-zewg genituri adegwat u bil-modalita’ tali li l-ahwa jkollhom kuntatt spiss ma xulxin.

Ghalhekk fl-interess tal-minuri, u tenut kont tas-sitwazzjoni prezenti, il-Qorti filwaqt li tafda l-kura u kustodja tal-minuri E lill-attrici, tafda l-kura u kustodja tal-minuri F lill-konvenut; izda l-attrici jkollha access ghal bintha darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Gimgha bejn l-4.30 pm u s-6.30 pm, u kull nhar ta’ Sibt jew Hadd, b’ mod alternat, bejn id-9.30 am sas-6.30 pm. Dan l-access, partikolarment fil-bidu, ghandu jigi esercitat bl-assistenza ta’ Social Worker fi han l-Agenzija Appogg, u okkorrendo, tenut kont tat-temperament vjolenti tal-konvenut, bl-

assitenza tal-Marixxall tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva; minn naha tieghu, il-konvenut ghandu dritt ta’ access ghal ibnu E darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Hamis, mill-4.30 pm sas-6.30 pm, u gurnata fil-weekend li ma tahbatx ma’ l-access ta’ l-attrici. B’ hekk l-ahwa iqattghu hafna zmien flimkien.

Inoltre waqt il-hin ta’ l-access ma’ ghandux ikun hemm prezenti terzi persuni, u li l-partijiet ghandhom jassikuraw li l-ahwa jkunu flimkien; u ghal dan il-ghan, kif ukoll sabiex tghin lill-istess minuri, il-Qorti qeda tappunta social worker fil hdan l-istess agenzija sabiex timmonitorja s-sitwazzjoni tal-minuri u tirrapporta b’ nota lil din il-Qorti fi zmien tlett xhur, jew anke qabel jekk tinhass il-htiega – u dana a spejjez taz-zewg partijiet maqsuma wgwalment. Il-partijiet ghandhom jifhmu li dan il-modus operandi huwa primarjament fl-interess ta’ uliedhom, li ghandu jipprevali fuq l-interessi taghhom.

**Manteniment**

Illi, ghalkemm fic-citazzjoni l-attrici talbet manteniment ghaliha u ghal uliedha minuri, fin-nota guramentata taghha hija qalet li, stante li hi ghandha mezzi parafernali mhux qed titlob manteniment ghaliha, izda ghal binha Orlandu li jghix maghha.

In propositu l-Qorti tosserva li, fic-cirkostanzi, jkun gust li, filwaqt li l-konvenut ghandu jmantni wahdu lil bintu F sakemm din tkun ghadha tghix mieghu, l-attrici ghandha tmantni lil binha E multo magis meta hija ghandha l-mezzi ghal dan il-ghan. Barra minnhekk ma ngabet ebda prova dwar il-qligh tal-konvenut li skond l-attrici qed jahdem illegalment u qed jiehu l-assistenza socjali wkoll. Ma ngabux provi f’ dan ir-rigward.

**Kommunjoni ta’ l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti f’ razzett f’ <<< indirizz >>>li l-partijiet kienu xtraw waqt iz-zwieg u li fil-prezent qeighed f’ idejn il-konvenut, vettura <<< tat-tip u bin-numru tar-registrazzjoni >>>b’ dejn fuqha ta’ circa Lm500 li tinsab fil-pussess taghha.

Illi fin-nota guramentata [fol.31] taghha l-attrici tghid li “trid” li r-razzett jigi mibjugh that l-awtorita’ tal-Qorti u r-rikavat jigi diviz f’ sehem ugwali bejn l-istess konjugi.

Il-Qorti thoss li, fic-cirkostanzi, anke tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa unikament responsabbli tas-separazzjoni, li l-assenjazzjoni ssir bil-mod segwenti: l-attrici tigi assenjata l-vettura <<< tat-tip u bin-numru tar-registrazzjoni >>>bid-dejn gravanti fuqha; kif ukoll il-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess taghha, u nofs ir-rikavat mill-bejgh tar-razzett f’ <<< indirizz >>>li l-Qorti tordna li jinbigh bis-subbasta; filwaqt li l-konvenut jigi assenjat lilu n-nofs l-iehor mir-rikavat tal-bejgh tar-razzett, u jzomm il-mobbli kollha fil-pussess tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

[2] tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’ effett mill-ahhar ta’ Jannar 2003 konsistenti fl-assi kif fuq indikat; u tordna li r-“razzett f’ <<< indirizz >>>” jinbigh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; u li ssir l-assenjzazzjoni ta’ l-assi tal-komunjoni billi l-attrici tigi assenjata l-vettura <<< tat-tip u bin-numru tar-registrazzjoni >>>bid-dejn gravanti fuqha; kif ukoll il-mobbli kollha li jinsabu fil-pussess taghha illum u nofs ir-rikavat mill-bejgh tar-razzett f’ <<< indirizz >>>; filwaqt li l-konvenut jigi assenjat lilu n-nofs l-iehor mir-rikavat tal-bejgh tar-razzett, u jzomm il-mobbli kollha fil-pussess tieghu;

[3] tilqa’ t-tielet talba limitatament billi, tafferma d-dritt ta’ l-attrici li titlob manteniment ghaliha u ghal binhom E fil-kaz li dina tisfa bla mezzi; u tordna li l-konvenut jimantni u jipprovdi hu wahdu ghal minorenni F fil-perijodu li dina tkun qed tghix mieghu;

[4] tilqa' ir-raba talba limitatament, billi, *rebus sic stantibus*, filwaqt li tafda l-kura u kustodja tal-minuri E lill-attrici, tafda l-kura u kustodja tal-minuri F lill-konvenut; izda l-attrici jkollha access ghal bintha darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha bejn l-4.30 pm u s-6.30 pm, u kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b' mod alternat, bejn id-9.30 am sas-6.30 pm. Dan l-access, partikolarment fil-bidu, ghandu jigi esercitat bl-assistenza ta' Social Worker fi hdan l-Agenzija Appogg, u okkorrendo, tenut kont tat-temperament vjolenti tal-konvenut, bl-assitenza tal-Marixxall tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva; minn naha tieghu, il-konvenut ghandu dritt ta' access ghal ibnu E darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis, mill-4.30 pm sas-6.30 pm, u gurnata fil-weekend li ma tahbatx ma' l-access ta' l-attrici mid-9.30 am sas 6.30 pm.

Inoltre waqt il-hin ta' l-access ma' ghandux ikun hemm prezenti terzi persuni, u li l-partijiet ghandhom jassikuraw li l-ahwa jkunu flimkien; u ghal dan il-ghan, kif ukoll sabiex tghin lill-istess minuri, il-Qorti qeda tappunta social worker fil hdan l-istess agenzija sabiex timmonitorja s-sitwazzjoni tal-minuri u tirrapporta b' nota lil din il-Qorti fi zmien tlett xhur, jew anke qabel jekk tinhass il-htiega – u dana a spejjez taz-zewg partijiet maqsuma wgwalment;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' din it-talba stante li jirrizulta li l-konvenut m' ghadux jabita fil-fond hemm indikat;

[6] tilqa' s-sitt talba billi b' referenza ghall-Artikolu 51 tal Kap,16 tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dekadenza tad-drittijiet tieghu fit-termini ta' l-Artikolu 48[1][a][b] u [d] ta' l-istess Kap.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Tordna li a kura tar-Registratur tal-Qorti kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil: Agenzija Appogg; u tenut kont ta' l-allegazzjoni attrici li l-konvenut qed jahdem illegalment fir-razzett tieghu u qed jiehu wkoll l-assistenza socjali

[vide paragrafu “Manteniment”] tordna li kopja tintbaghat ukoll lid-Direttur tas-Servizzi Socjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------